# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija Burmarrad

Tel: 21573045/ mobile: 77622275 Fax:21578118
www.parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroċċaburmarrad.com
https://www.facebook.com/parroccaburmarrad

LEĦEN IL-PARROĊĊA - Ottubru 2015 - Nru. 389



# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Nistgħu ngħidu li qegħdin nerġgħu naqbdu r-rutina tal-ħajja, wara sajf sħun! Pero' kollox hemm iż-żmien tiegħu. It-tfal reġgħu bdew l-iskola, il-ġurnata bdiet tiqsar u tant affarijiet oħra. F'dan ix-xahar t'Ottubru l-Knisja tpoġġi quddiemna l-figura ta' Marija. U propju xtaqt naqsam magħkom l-istorja ta' devozzjoni li qiegħda tinxtered minħabba d-devozzjoni tal-Papa Franġisku li għandu lejn ix-xbieha tal-Madonna tal-Għoqod.
Dan l-isem huwa ta' ċerta devozzjoni lejn Marija. Din il-pittura kienet impittra minn Ġorġ Melkjor Schmidtner u tinsab ġo Knisja fil-Bavarja, ġewwa l-Ġermanja. F'dan il-kwadru, Marija tidher bil-wieqfa fuq felli ta' qamar u mdawwra mill-anġli, bl-Ispirtu s-Santu jittajjar fuq ċirku ta' kwiekeb waqt li hija tħoll l-għoqod ta' faxxa bajda twila, waqt li tisħaq b'saqajha s-serp. Is-serp jirrappreżenta lix-xitan u l-pożizzjoni ta' Marija twettaq il-profezija tal-Ġenesi.
X'rabta għandu mela l-Papa Franġisku ma' din ix-xbieha? Wara li hu kien superjur tal-Ġiżwiti fl-Arġentina, huwa kien mar il-Ġermanja sabiex jgħaddi xi żmien jistudja f'istitut tal-Filosofija. Waqt li kien hemm kien ra din ix-xbieha u kibret id-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna. Kien xtara kartolina tagħha u wara xi żmien reġa' lura fl-Arġentina. Meta huwa sar Isqof u aktar tard Arċisqof huwa xerred id-devozzjoni lejn din il-Madonna. Nistgħu ngħidu li din id-devozzjoni nfirxet mal-Amerika t'Isfel. Huwa kien ordna wkoll li jinħadem kalċi b'din ix-xbieha ta' din il-Madonna li hu ppreżenta lill-Papa Benedittu XV1.
L-immaġini ta' Marija li tħoll l-għoqod kienet u għadha tiġi meqjuma ħafna fl-Arġentina u l-Brażil, fejn huma bosta l-Knejjes u Kappelli li jgħożżu din id-devozzjoni. Din hi t-talba lil Marija miktuba mill-Kardinal JM Bergoglio, illum Papa Franġisku.

**Qaddisa Marija, mimlija bil-preżenza ta' Alla l-jiem kollha ta' ħajtek, inti lqajt bl-umilta' kollha r-rieda tal-Missier, u x-Xitan qatt ma kellu l-ħila jorbtok bit-taħwid tiegħu!**
**"Inti, darba, ndaħlt għalina ma' Ibnek fid-diffikultajiet tagħna, u, kollok ħniena u sabar, tajtna eżempju ta' kif inħollu l-għoqod ta' ħajjitna. Billi tibqa' għal dejjem ommna, inti tħejji u turi aktar biċ-ċar l-għoqod li jgħaqqduna ma' Alla. Qaddisa Omm, Omm Alla u Ommna, lilek, li tħoll b'qalb ta' omm l-għoqod ta' ħajjitna, aħna nitolbu sabiex tieħu f'idejk lil...**

**(semmi l-persuna li għaliha qed titlob) u li teħilsu/teħlisha mill-għoqiedi u taħwid li bihom l-Għadu jħebb għalina. Permezz tal-grazzja tiegħek, tal-interċessjoni tiegħek u tal-eżempju tiegħek, eħlisna minn kull ħażen, ja Ommna, u ħollilna l-għoqod li jżommuna mill-għaqda tagħna ma'Alla, sabiex ħielsa minn kull dnub u ħażen, nistgħu narawH madwarna, ikollna qalbna magħquda miegħU, u nistgħu naqduh dejjem f'ħutna kollha. Ammen."**

Tkunu mberkin!

P. Joseph Mamo ofm.Conv.

# World Hospice and Palliative Care Week

Din is-sena fl-10 u l-11 t'Ottubru, mad-dinja kollha se tiġi ċċelebrata l-World Hospice and Palliative Care Week. Dan isir biex jiżdied l-għarfien fuq il-kura palljattiva li tingħata lill-persuni morda bil-kanċer, motor neuron disease u mard serju ieħor. Lokalment, dawn is-servizzi jiġu offruti mill-Hospice Malta. Il-Hospice tara 'l fuq minn elf pazjent fis-sena u familjari tagħhom. L-għan tal-Kura Paljattiva hu li jtaffi l-uġiegħ u sintomi oħra tal-marda u jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja tal-pazjenti, kif ukoll li jingħata appoġġ lill-familjari tagħhom li jkunu għaddejjin minn dawn il-mumenti diffiċli. Dawn is-servizzi jiġu offruti kollha mingħajr ħlas.

Għalhekk is-Sibt 10 t'Ottubru filgħaxija u l-Ħadd 11 t'Ottubru voluntiera u membri tal-Hospice Malta se jkunu fuq iz-zuntier tal-Knisja tagħna sabiex iqassmu rikordju tal-ġurnata kif ukoll jilqgħu xi donazzjonijiet.

Wieħed ukoll jista' jgħin billi jibgħat donazzjoni fuq 50618180 għal 4.66 euro, 50618997 għal 6.99 euro jew 50619290 għal 11.65 euro. Grazzi

# ĦAJJA U ĦIDMA - Ottubru 2015

**Il-Ħamis 1 Jum l-Anzjani. Bidu tax-xahar iddedikat lil Madonna tar-Rużarju.**
Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq f'nofs in-nhar.
L-ewwel Jum tat-Tridu ta' San Franġisk. Fis-6.30pm – Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat u Barka Sagramentali.
Fis-7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb tal-Ewwel Jum tat-Tridu ta' San Franġisk, immexxija minn P.Thomas Calleja ofm Conv. Janima l-kant il-Grupp Rising Sun.

**Il-Ġimgħa 2 It-Tieni Jum tat-Tridu ta' San Franġisk**.
Fis-6.30pm – Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat u Barka Sagramentali.
7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb tat-Tieni Jum tat-Tridu ta' San Franġisk, immexxija minn P.Thomas Calleja ofm. Conv. Janima l-kant il-grupp Creation. L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 3 It-Tielet Jum tat-Tridu ta' San Franġisk.**
- 6.00pm – Rużarju u adorazzjoni quddiem Ġesu' Sagramentat u Barka Sagramentali. Fis-7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb tat-Tielet Jum tat-Tridu ta' San Franġisk, immexxija minn P.Thomas Calleja ofm Conv. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'. Fi tmiem il-Quddiesa jiġi ċċelebrat it-Transitu' ta' Missierna San Franġisk.
- L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.
- Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.
- F'dan il-weekend isir il-Bazaar b'risq il-Festa Titulari.

**Il-Ħadd 4 Jum is-Solennita' ta' Missierna San Franġisk u Jum l-Ambjent**.
9.30am – Fuq iz-zuntier isir it-Tberik tal-Annimali fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk.
6.30pm – Kuruna Franġiskana quddiem Ġesu' Sagramentat u tingħata l-Barka Sagramentali.
7.00pm – Quddiesa Solenni mmexxija mill-Komunita' Franġiskana, fejn isir il-ħsieb minn P.Thomas Calleja ofm.Conv. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'. Ikompli l-Bazaar tul il-Ġurnata kollha b'risq il-Festa Titulari.

**It-Tnejn 5 Illum il-Festa ta' Santa Fawstina.**

**It-Tlieta 6** Tibda it-tieni parti tal-Kapitlu Provinċjali fejn jiġi imfassal il-proġett tal-erba' snin li ġejjin u jiġu eletti is-superjuri u l-kappillani tal-kunventi u l-parroċċi

tagħna.

**L-Erbgħa 7** **Festa tal-Madonna tar-Rużarju.**
Fis-6.30pm – Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat u tingħata l-Barka Sagramentali. Fis-7.00pm – Ħsieb waqt il-Quddiesa.

**Is-Sibt 10** **Jum Dinji tas-Saħħa Mentali.**

**Il-Ħadd 11** **Jum it-Tagħlim Nisrani u Jum in-Nanniet**.
F'dan il-week-end Voluntiera tal-Hospice Malta jkunu fuq iz-zuntier tal-Knisja biex iqassmu rikordji u jilqgħu donazzjonijiet. Ara d-dettalji f'paġna 3.

**Il-Ħamis 15** Pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna tas-Saħħa fir-Rabat **Malta.** Tluq minn ħdejn il-Knisja fid-9.00am. Biljetti minngħand il-Helpers tas-soltu, jew ħallu isimkom fis-sagristija. Tħallux għall-aħħar.

**Is-Sibt 17 u l-Ħadd 18** **Jum il-Missjonijiet**. Il-ġbir kollu jmur għall-Missjonijiet. Infakkru wkoll fl-Envelopes li tqassmu sabiex iġġibuhom magħkom.

**Is-Sibt 24 u l-Ħadd 25** **Jum il-Bibbja**.
Ġabra speċjali b'risq il-Parroċċa tagħna.Tinsewx iddawwru l-Arloġġ għall-ħin tax-xitwa. Minn għada t-Tnejn il-quddies ta' fil-għaxija jibda jkun fis-6.15pm.

**It-Tnejn 26** Minħabba li qlibna għall-ħin tax-Xitwa, id-Duttrina tibda ssir fl-4.30pm. Huwa obbligu u dmir tal-Ġenituri li jibgħatu lill-uliedhom għat-Tagħlim tad-Duttrina u wkoll li jibgħatuhom fil-ħin.

**It-Tlieta 27** Fil-5.15pm – Tibda l-adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

***Il-Papa Franġisku għadu kemm wassal lid-Dinja kollha d-dokument dwar il-ħarsien tal-Ambjent, ispirat minn San Franġisk ta' Assisi. Huwa sejjaħ dan id-dokument bl-isem: LAUDATO SI' – TKUN IMFAĦĦAR MULEJ, isem meħud mill-Innu tal-Krejaturi li l-Qaddis ta' Assisi niseġ. Inħallu din l-Enċiklika tqajjem fina aktar kuxjenza favur l-Ambjent.***

# Ruħi bil-għatx għalik

(Meħud mill-ktieb *Ferejtni* ta' Patri Piju Sammut)

Fil-ħajja ta' kull bniedem hemm waqt twil jew qasir.....ta' skiet. Mument fejn il-bniedem isib ruħu waħdu miegħu innifsu. Forsi jkun f'qiegħ ta' sodda. Forsi jkun għadu kif sema' bil-mewt ta' xi ħadd li ħabb. Forsi meta ta' ħamsin sena jagħraf li ħajtu kienet bla sens. Forsi meta jinduna li ż-żwieġ tiegħu qiegħed jitfarrak.

Waqt wieħed importanti fejn jaqgħu l-illużjonijiet kollha, fejn madwarek ma tarax ħlief tifrik. Waqt wieħed importanti fejn għall-ewwel darba, forsi, il-velu bejnek u bejn Ġesu' Kristu jitneħħa u f'daqqa waħda tisma' leħen kwiet ikellmek. Mument ta' skiet ġewwieni.

Franġisk t'Assisi, meta ltaqa' ma' dak l-imġiddem u ra l-ġdiem tan-nuqqas ta' mħabba ġo fih, lagħab ħajtu kollha f'waqt wieħed....jaħrab? jew...jersaq u jgħannqu miegħu? Il-Konti Franġisku ta' Borgia baqa' mbellah meta ra quddiemu l-ġisem mejjet tar-Reġina ta' Spanja – kienet tant sabiħa...darba. Iddeċieda li jaqdi Sbuħija li ma tintemm qatt! Disa' xhur dam f'ħabs mudlam Patri Ġwann tas-Salib – abbandunat minn kulħadd, il-ħolm tiegħu kollu mkisser...........titwieled f'qalbu l-poeżija u l-Għanja ta' mħabba.



Tista' taħtaf dan il-waqt u timtela bl-Ispirtu s-Santu. Tista' tħallih għaddej u tingħalaq f'disperazzjoni siekta jew miftuħa. Għax dan hu l-waqt li tiġi mogħtija lilek

b'xejn il-ġawhra prezzjuża, ir-rigal t'Alla….'Kieku inti kont taf id-don t'Alla…' Ġesu' qal lis-Samaritana.



Waqt wieħed. Waqt fondamentali. Fejn tista' tħoss fuq livell profond l-Ispirtu s-Santu…dak li jgħidlek kemm tenerezza Alla għandu għalik…dak li jimliek bil-mogħdrija lejk innifsek u lejn ħajtek kollha…dak li jgħallmek tiegħu paċenzja bik innifsek. Hu jafna aktar milli aħna nafu lilna nfusna. Hu jagħtina l-garanzija tal-ħajja ta' dejjem. Hu jagħmilna qaddisin. Hu l-waħdieni li jiftħilna qalbna beraħ daqs dik ta' Kristu.

U hekk nindunaw li kollox, anki t-tifrik, anki l-kriżi, anki t-taħwid li ġibna b'idejna stess għandu sens. U hekk tibda tgħix fiH…ħajja ġdida. Bla illużjonijiet. U hekk tkun tista' tibda toqgħod miegħek innifsek. U fuq kollox toqgħod miegħU. U dduq il-ħlewwa tal-kumpanija tiegħu.

Hu l-waqt li tagħraf – forsi għall-ewwel darba – li fi Kristu aħna rebbieħa!

# Tajjeb Tkun Taf

- Infakkru li l-Kappella minn dan ix-xahar qed tkun miftuħa kull nhar ta' Tlieta BISS, mid-9.00am sa nofsinhar, fiċ-Ċentru Parrokkjali li jinsab fi Triq P. Wistin Magro. Insibu ftit ċans biex immorru nżuruH.

- Infakkru lil ġenituri li hu obbligu u dmir tagħhom li jibgħatu lil uliedhom għat-Tagħlim tad-Duttrina. Infakkru li sa kemm naqilbu l-ħin għal dak tax-xitwa, il-ħin tad-duttrina hu fil-5.30pm. Importanti li tibgħatuhom fil-ħin.

- Nifirħu u nawguraw lil Patri Ġorġ Żammit li huwa l-Ministru Provinċjal il-Ġdid u lid-Definituri tiegħu.
  Vigarju Provinċjal – P. Colin Sammut
  Segretarju Provinċjal – P. Josef Pace
  Definitur – P. Christopher Galdes
  Definitur – P. Andrew Galea
  Nitolbu għalihom li għal dawn l-erba' snin li ġejjin ser imexxu l-Provinċja tagħna.

- Grazzi lil Ex Ministru Provinċjal P. Alfred Calleja u lid-Definitorju tiegħu li mexxew lil Provinċja tagħna f'dawn l-erba' snin li għaddew.

- Infakkru fl-Envelopes tal-Missjoni li tqassmu mal-Leħen il-Parroċċa, sabiex tpoġġu l-offerta tagħkom bħala familja u ġġibuh il-Parroċċa biex jintbgħatu l-Uffiċċju Missjunarju.

- Fl-Envelope l-ABJAD hemm lista sabiex tniżżlu l-ismijiet tal-għeżież mejtin tagħkom u ġġibuhom sal-Ġimgħa 6 ta' Novembru. Infakkru li l-Quddiesa ta' filgħaxija kull nhar ta' Ġimgħa matul ix-xahar ta' Novembru tkun offruta għalihom.

- Rużarju fil-beraħ fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja organizzat mill-membri tal-Leġjun ta' Marija, matul ix-xahar ta' Ottubru, kull nhar ta' Tnejn fil-5.30pm.